# L-Istitut għall-Edukazzjoni u BirdLife Malta jniedu kors ġdid ta' tagħlim ambjentali

## Kors li għandu l-għan li jqarreb lit-tfal lejn in-natura

L-Istitut għall-Edukazzjoni nieda kors ġdid immirat għall-għalliema tal-iskejjel primarji biex joffru tagħlim barra mill-klassi u permezz tan-natura. Il-kors li jwassal għal 'MQF Level 6 Award in Teaching Outdoor Learning through Nature' qed jingħata minn BirdLife Malta permezz ta' *fieldwork,* lezzjonijiet u anke materjal li jitqassam biex wieħed jistudja fuqu.

Il-kors mifrux fuq erba' ġimgħat se jipprovdi lill-għalliema bil-ħiliet u l-kompetenzi biex ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet marbutin mal-kurrikulu f'ambjent barra mill-klassi. Dan se jinkludi l-ħolqien ta' ambjenti ta' tagħlim li jikkumplimentaw il-benefiċċji li jġib miegħu l-fatt li wieħed iqatta' ħin fin-natura fosthom titjib fis-saħħa fiżika, fil-benesseri emozzjonali, fil-ħiliet personali u soċjali; kif ukoll irawwem sens ta' responsabilità ambjentali u valuri sostenibbli.

Permezz tat-taħriġ, l-għalliema jsiru rappreżentanti ta' ċittadinanza attiva u jkunu kapaċi juru d-diversi metodi li permezz tagħhom it-tagħlim qrib tan-natura jista' jservi bħala pjattaforma li tipprovdi valur għall-kompetenzi interpersonali, interkulturali u ċiviċi.

Il-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għall-Edukazzjoni Joanne Grima kkummentat li "l-għalliema għandhom jingħataw il-mezzi meħtieġa biex ikunu jistgħu jieħdu l-inizjattiva u jagħżlu l-iżvilupp professjonali li jwessagħlhom il-ħiliet tagħhom. L-involviment tagħhom f'esperjenza awtentika man-natura jħalli impatt pożittiv fuq is-saħħa soċjali, psikoloġika, akkademika u fiżika tat-tfal. Dan il-metodu ta' tagħlim għandu jinfirex mal-kurrikulu għax jagħti lill-għalliema l-possibbiltà li jiżviluppaw b'mod sħiħ."

Desirée Falzon, *field teacher* ta' BirdLife Malta u l-persuna li żviluppat dan il-kors, ikkummentat: "Kulma jmur aktar għalliema qed jinteressaw ruħhom f'metodi ta' tagħlim li jgħinu lit-tfal jirrelataw aktar man-natura. Dan jidher b'mod speċjali fost l-edukaturi ta' tfal żgħar li qed jifhmu li meta tinkorpora n-natura fit-tagħlim dan iwassal biex titrawwem imħabba lejn l-ambjent li mbagħad tibqa' ħajja anke fil-ħajja adulta."

Bir-rekord ferm b'saħħtu li għandha f'dawk li huma inizjattivi ta' edukazzjoni ambjentali ta' livell għoli, BirdLife Malta se tkun qed tuża l-esperjenza vasta tagħha flimkien mal-għarfien u r-riċerka biex tipprovdi dan il-kors innovattiv li għandu jkompli jsaħħaħ il-qasam tal-edukazzjoni ambjentali f'Malta.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħ):**

- Informazzjoni dwar il-kors 'MQF Level 6 Award in Teaching Outdoor Learning through Nature'
- L-Istitut għall-Edukazzjoni
- L-inizjattivi ta' BirdLife Malta fil-qasam tal-edukazzjoni ambjentali
- It-taħriġ għall-għalliema mogħti minn BirdLife Malta

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/K7E6VcUQYY**

- Għażla ta' ritratti meħudin waqt l-ewwel sessjoni tal-kors aktar kmieni din il-ġimgħa (Ritratti ta' Nathaniel Attard)